



emcdda.europa.eu

Objettiv Droga

Ġabra fil-qosor taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi

L-użu tal-Khat fl-Ewropa: implikazzjonijiet għall-politika Ewropea

Il-weraq tal-khat huma kkultivati fl-għoljiet tal-Qarn tal-Afrika, fl-Arabja Sawdita u tul il-kosta tal-Afrika tal-Lvant. F'partijiet tal-Etjopja, il-Kenja, is-Somalja u l-Jemen, il-weraq tal-khat ilhom jġu mingħuda għal sekli sħaħ għall-karatteristiċi kemxejn stimulant tagħhom, u għal ħafna huma parti regolari mill-ħajja soċjali. Tradizzjonalment, il-khat kienet l-aktar użata mill-irġiel waqt "parties tal-khat" komunalni u ferm ritwalizzati. Wara madwar siegħa, l-utent jesperjenza eċitament fiżjoloġiku u ewforija. Dan jġi segwit minn fażi aktar kwieta, aktar introverta, li tiġi segwita minn kalma (comedown) gradwali, li tista' tinkludi irrekwitezza, irritabilità u melankonija. Tradizzjonalment, ix-xejriet kulturalment

integrati ta' konsum kienu jsejtnu maġenb ir-reġjuni ta' produzzjoni, li taw l-ispirazzjoni għall-espressjoni artistika fl-arkitettura, l-artiġjanat, il-poeżija u l-kanzunetti. Sa mill-aħħar tas-seklu 19, it-titjib suċċessiv fl-infrastruttura tat-trasport fetaħ swieq ġodda għall-khat. Dan l-aħħar, l-immigrazzjoni tal-massa ta' nies mill-Qarn tal-Afrika ġiet assoċjata mal-firxa tal-użu tal-khat lejn il-pajjiżi ġirien, lejn l-Ewropa u lejn il-bqija tad-dinja. Hemm it-tendenza li x-xejriet kontemporani ta' konsum huma inqas formali u jistgħu jkunu aktar eċċessivi. Dan jista' jkun minħabba l-erożjoni ta' fatturi kulturali protettivi li fil-passat kienu għenu biex jirregolaw l-użu. In-numru eżatt ta' persuni fuq skala dinjija li

jagħmlu użu regolari mill-khat ma jeżistix, iżda l-estimi jlaħqu sal-20 miljun.

Fost il-komunitajiet immigranti mill-Afrika tas-sub-Saħara, l-użu tal-khat huwa kemm komuni kif ukoll ta' spiss injorat. Irridu niżguraw li persuni li jaħdmu ma' dawn il-komunitajiet ikunu konxji mill-ħtieġa li jidentifikaw u li jwieġbu għal kwalunkwe konsegwenza negattiva li tista' tirriżulta mill-użu ta' din is-sustanza.

**Dr João Goulão,
Chairman tal-Bord
Amministrattiv tal-EMCDDA**

Definizzjoni

Il-khat tirreferi għall-weraq u r-rimjiet żgħar u delikati tas-siġra tal-khat ("Catha edulis"). Il-khat għandha ħafna ismijiet inkluż "qat" (Jemen), "jad" jew "chad" (l-Etjopja, is-Somalja), "miraa" (il-Kenja) jew "marungi" (l-Uganda, ir-Rwanda). Il-weraq rotob u z-zkuk delikati jintmagħdu u jinżammu f'ċappa stretta fil-ħaddejn.

Ħarsa ġenerali lejn il-kwistjonijiet ewlenin

1. Il-khat fiha sustanzi stimulant li għandhom karatteristiċi simili għall-amfetamini. Fil-forom puri tagħhom, huma sustanzi kkontrollati fuq livell internazzjonali, iżda l-weraq mhumiex.
2. Fl-Ewropa, il-khat hija kkontrollata f'ċerti pajjiżi, iżda mhux f'kollha. Dan wassal għal netwerks ta' trasport kemm leġittimi kif ukoll kriminali. Minkejja li d-dejta dwar il-kummerċ internazzjonali, l-użu u l-qabdiet hija limitata, din turi li s-suq tal-khat fl-UE qiegħed jikber.
3. Il-khat hija kkunsjata b'mod ġenerali minn immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni li huma ġejjin mill-Afrika tas-sub-Saħara, bi ftit evidenza li dan il-konsum qiegħed jinfirx f'komunitajiet oħra. L-informazzjoni dwar il-prevalenza, ix-xejriet tal-konsum u l-konsegwenzi tal-użu hija limitata.
4. Il-khat hija suġġett ikkontestat fi ħdan il-gruppi ta' immigranti. Xi wħud jargumentaw li din tgħin fil-koeżjoni kulturali filwaqt li oħrajn jargumentaw fuq bażi ta' raġunijiet reliġjużi u soċjali. Bħalissa hemm nuqqas ta' tagħrif fir-riċerka dwar il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-użu tal-khat.
5. Matul dawn l-aħħar 30 sena, il-khat saret sors ewleni ta' impjeg, dħul u introjtu fil-pajjiżi produttori madwar il-Qarn tal-Afrika.

Il-konsum eċċessiv jista' jwassal għal dipendenza. Jista' wkoll iwassal għal perikli somatiċi u ta' saħħa mentali f'persuni li jkunu b'saħħithom. X'aktarx li persuni b'disturbi mentali preeżistenti huma partikolarment vulnerabbli.

1. Il-farmakoloġija tal-khat

L-aġenti psikoattivi li jinsabu fil-weraq tal-khat jinkludu l-"cathinone" (aminopropiophenone), il-"cathine" (norpseudoephedrine) u n-"norephedrine", iżda essenzjalment il-firxa sfiha ta' komposti tibqa' mhux magħrufa. Il-"cathinone" jixbah lill-amfetamina fl-istruttura kimika kif ukoll fl-effetti bijokimiċi u fl-imġiba, minkejja li b'madwar nofs il-qawwa. Normalment, 100-300g ta' weraq tal-khat jintmagħdu fi żmien tlieta sa sitt sigħat. Il-kontenut tal-"cathinone" jista' jvarja minn 30-200mg kull 100g ta' weraq friski; sa 90% minnu jiġi estratt permezz tal-mgħid. Dan jikkorrispondi għal doża baxxa sa moderata ta' amfetamina iżda l-mod kajman u impenjattiv ta' iġestjoni jillimita d-doża kumulattiva u l-livelli ta' plażma milli jilhq u l-massimu. Minħabba li l-"cathinone" huwa ferm instabbli u jiddekomponi fi żmien 72 siegħa wara l-ħsad, il-weraq tal-khat huma ppreferuti friski. Skont il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Sustanzi Psikotropiċi (1971), il-"cathinone" u l-"cathine" u xi wħud mid-derivattivi tagħhom prodotti b'mod sintetiku (eż. il-"methcathinone") huma sustanzi kkontrollati, iżda l-weraq tal-khat mhumiex. Saru bosta tentattivi biex il-khat tiddaħħal fl-iskedar internazzjonali, iżda revizzjoni komprensiva reċenti mill-Kumitat ta' Esperti dwar id-Dipendenza fuq id-Droga tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa kkonkludiet li hemm nuqqas ta' evidenza biex dan isir.

2. Is-Sitwazzjoni legali u l-kummerċ tal-khat fl-Ewropa

Id-dejta l-aktar reċenti turi li fi 15-il Stat Membru tal-UE u n-Norveġja (ara l-mappa) ġew imposti kontrolli fuq il-khat bħala droga illegali. Bil-maqlub, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit adottaw reġim "laissez-faire", li jippermetti li l-khat tiġi importata, ikkummerċjalizzata u kkunsmata bħala prodott veġetali. Dan l-aħħar, il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Abbuż mid-Drogi tar-Renju Unit u l-esperti fil-Pajjiżi l-Baxxi rrakkomandaw li jinżamm l-*istatus quo* legali. Fil-bqija tal-10 Stati Membri, l-*istatus* tal-khat mhuwiex ikkontrollat.

Ma hemm l-ebda informazzjoni li wieħed jista' joqgħod fuqha dwar l-importazzjonijiet tal-khat ġewwa l-UE jew dwar il-fluss ta' kummerċ tal-khat fl-Ewropa. Iż-żewġ punti ta' dħul prinċipali huma Londra bi stima ta' madwar 300 tunnellata fis-sena ta' khat li ġejja mill-Kenja u mill-Etjopja u Amsterdam. F'xi pajjiżi, fl-aħħar ħames snin, il-qabdiet tal-khat kważi irduppjaw. Pereżempju, il-Ġermanja u l-Isvezja qabdu, rispettivament, 30 u 11-il tunnellata ta' khat fl-2008 biss, filwaqt li n-Norveġja qabdet tmien tunnellati fl-2007. Ammonti li dejjem qed jiżdiedu qegħdin jinqabdu fit-toroq ta' kollegament bejn il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Iskandinavja. Il-khat inqabdet ukoll fuq titjiriet lejn l-Amerika ta' Fuq, li jindika li l-UE tintuża bħala punt ta' transitu lejn destinazzjonijiet oħra.

3. L-użu tal-khat fl-Ewropa

Fl-UE, l-użu tal-khat huwa limitat għall-immigranti mill-pajjiżi madwar il-Qarn tal-Afrika. Xi kultant il-pjanta hija disponibbli permezz tal-kummerċ li dejjem qed jikber bl-internet ta' "eżaltazzjoni erbali", għalkemm l-iskala ta' użu barra mill-komunitajiet immigranti hija limitata ħafna. Studji dwar l-użu tal-khat saru fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fi Spanja, fl-Italja, fl-Isvezja, fir-Renju Unit u fin-Norveġja, bl-użu fost il-komunitajiet Somali u Jemeni fir-Renju Unit deskritti fl-aktar dettall. Studji Ewropej ma joffrux bażi soda għall-istima tar-rati ta' prevalenza, iżda jistgħu jagħtu indikazzjoni tax-xejriet ta' użu. Normalment, l-istudji jirrapportaw livelli relattivament għoljin ta' użu attwali (34-67%) b'sa 10% ta' utenti ta' kuljum tagħha, li ħafna minnhom jilhq xi wħud mill-kriterji ta' dipendenza. In-nuqqas ta' tagħrif f'dan il-qasam jibqa' wieħed konsiderevoli, u ftit huwa magħruf dwar il-konsegwenzi soċjali jew ta' saħħa minħabba l-użu. Hemm xi evidenza ta' turiżmu tal-khat, b'persuni Somali mill-Iskandinavja u viżitaturi mil-Lvant Nofsani jikkunsmaw il-khat f'Londra, pereżempju.

Tagħrif mir-riċerka jkompli juri qasma ġenerazzjonali emerġenti fit-tendenzi tal-konsum. Ħafna persuni li jomogħdu l-khat b'mod regolari qabdu l-vizzju

tagħhom qabel ma ġew fl-Ewropa. Fost l-immigranti tat-tieni ġenerazzjoni, l-użu tal-khat huwa inqas komuni. Dan huwa fattur importanti meta wieħed jikkunsidra l-potenzjal għal tixrid fil-futur, li hemm tendenza li jkun influwenzat min-numru ta' rġiel tal-ewwel ġenerazzjoni fil-popolazzjoni li jkunu minn pajjiżi li jikkunsmaw il-khat.



© Mara Truog

Il-weraq tal-Khat

Fil-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit, fejn il-khat hija komodità legali, ġeneralment il-konsum isir fil-kafetteriji "mafrish" li jservu ta' ċentri soċjali, li joffru xorb, televiżjoni, ikel u khat. Il-kafetteriji "mafrish" joffru l-opportunità għall-iskambju ta' informazzjoni, biex wieħed iżomm ruħu aġġornat b'aħbarijiet mill-pajjiżi tal-orġini u għal attivitajiet komunitarji oħra. Swali komunitarji jew appartamenti privati jistgħu jintużaw ukoll għal sessjonijiet tal-khat. Il-khat tista' tinxtara mill-ħwienet tal-ħxejjex u l-frott, mill-ħwienet ta' konvenjenza kif ukoll mill-gabbani tal-gazzetti. Fl-Isvezja, bil-kuntrarju, il-bejgħ tal-khat jirrifletti kummerċ ieħor ta' drogi, li jseħħ fil-marġini tal-ispazji pubbliċi bħall-parkeġġi tal-karozzi. Fix-xitwa, djar privati jinkrew għal sessjonijiet ta' mgħid, filwaqt li fis-sajf jintużaw il-parks pubbliċi. L-ispeċifità kulturali tal-użu tal-khat għandha implikazzjonijiet għall-pulizija u f'xi pajjiżi, permezz ta' infurzar strett, dan wassal għal relazzjonijiet imqanżha bejn il-komunitajiet immigranti u l-pulizija.

4. Il-konsegwenzi għas-saħħa mill-użu tal-khat

Bosta problemi somatiċi u ta' saħħa mentali ġew assoċjati mal-użu tal-khat. Madankollu, ir-riċerka dwar il-khat

għadha fil-bidu tagħha u ftit li xejn hemm informazzjoni soda dwar is-suġġett. L-użu moderat tal-khat ġeneralment mhux ikkunsidrat ta' ħsara. Effetti avversi serji, bħal stati psikotiċi kkważati mill-khat, huma ġeneralment assoċjati mal-użu eċċessiv. Il-potenzjal ta' dipendenza fuq id-droga għadu mhux mifhum sew, u għalkemm jidher li d-dipendenza hija ġeneralment relattivament ħafifa meta mqabbla ma' ċerti sustanzi psikoattivi oħra, xi persuni li jagħmlu użu juru xejriet kompulsivi ta' konsum simili għal dawk li jidhru f'dawk b'dipendenza fuq l-istimulanti. Hemm evidenza li dejjem qiegħda tikber li turi li l-khat tista' taggrava problemi eżistenti ta' saħħa mentali, kif ukoll tikkawża psikożi u mgħiba aggressiva, b'mod partikolari f'individwi predisposti. Għe rrapportat li l-użu kroniku tal-khat huwa assoċjat ma' problemi serji tas-saħħa. Madankollu ħafna drabi huwa diffiċli li tiddetermina l-impatt relativ tad-droga nnifisha fir-rigward ta' fatturi ta' riskju oħrajn li jistgħu wkoll ikunu assoċjati mal-konsum, bħat-tipjip tat-tabakk, dieta batuta jew residwi mill-pestiċidi. Il-konsegwenzi negattivi somatiċi assoċjati mal-użu tal-khat jinkludu:

problemi mukosali, pressjoni għolja, kumplikazzjonijiet kardjovaskulari, ulċeri duwodenali, disfunzjoni sesswali, epatossità u l-piż baxx ta' trabi li jitiwieldu lill-ommijiet li jomogħdu l-khat. Madankollu, kollox ma' kollox l-evidenza ma tippermettix dikjarazzjonijiet konklussivi ta' kawżalità. Bl-istess mod, l-argument tal-possibbiltà ta' użu mediċinali għadu ma għe esplorat fl-ebda dettall. Li nafu huwa li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa li jistgħu jkunu qegħdin jikkuraw membri tal-komunità tal-immigranti, ħafna drabi jkollhom ftiit li xejn għarfien dwar il-problemi tas-saħħa li jistgħu jkunu assoċjati mal-użu ta' din id-droga.

5. Id-dibattitu dwar il-khat fl-Ewropa


Sa miż-żminijiet kolonjali, l-użu tal-khat kien meqjus mill-Ewropej li għandu effetti negattivi fuq is-saħħa u l-produttività. Tħassib ieħor, li ħareġ wara li d-droga dehret fil-pajjiżi Ewropej, kien li l-użu tagħha seta' jinxtered mill-gruppi immigranti għal għol-popolazzjoni ġenerali. Fost il-komunitajiet immigranti fl-Ewropa,

il-khat saret kwistjoni kkontestata, meqjusa minn ħafna bħala parti mill-wirt kulturali tagħhom, filwaqt li oħrajn joġġezzjonaw għaliha għal raġunijiet reliġjużi. Filwaqt li għal sekli sħaħ skulari Iżlamiċi akkommodaw il-khat, il-bidu tal-fundamentaliżmu Iżlamiku issa wassal għal atmosfera ta' intolleranza għal dan il-vizzju f'xi skejjel tal-ħsieb. Saru wkoll protesti kontra l-użu tal-khat mill-attivisti tal-NGO, li jattribwixxu firxa ta' problemi soċjali lill-użu abitwali tagħha fost l-irġiel. Din il-kwistjoni hija waħda diffiċli biex tikkwantifika. Minn perspettiva xjentifika u permezz tat-tagħrif attwalment disponibbli, mhux iktar ċar sa liema punt it-tifrik fil-familji, il-livelli għoljin ta' qgħad, il-livell edukattiv baxx u l-iżolament huma riżultat tal-użu tal-khat per se, jew bħala riżultat ta' vulnerabilità strutturali ta' komunitajiet żvantaġġjati u komunitajiet immigranti vulnerabbli.

6. L-ispinta u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni tal-khat

Matul l-aħħar snin, il-produtturi tal-Khat fl-Etjopja, fil-Kenja u fil-Jemen esperjenzaw espansjoni drammatika fis-swieq domestiċi u ta' esportazzjoni. Huwa stmat li fl-2003–04, l-esportazzjonijiet tal-khat ikkostitwew madwar 15% tal-qligħ mill-esportazzjoni tal-Etjopja – madwar USD 413-il miljun bejn l-1990 u l-2004 – li jpoġġi l-khat fit-tieni post fost il-komoditajiet ta' esportazzjoni. Fil-pajjiżi tar-reġjun tal-khat, il-produtturi, it-trasport, l-ipproċessar u l-bejgħ tagħha huma sorsi maġġuri ta' impjieġ. Bħalissa, il-kultivazzjoni tal-khat miexja lejn żoni tradizzjonalment mhux ta' tkabbir fl-Etjopja, il-Kenja, l-Afrika ta' l-Sfel, is-Sudan u l-Uganda. Għall-kuntrarju tal-kafè, tal-qoton u tal-kakaw, il-prezzijiet tal-khat urew varjazzjonijiet modesti biss, u dan ipprova għajxien sigur għall-bdiewa. Minħabba r-reżistenza tiegħu għan-nifsa u r-rekwiżiti baxxi ta' xogħol, il-khat hija għażla attraenti għall-produtturi kampanjoli. Fil-pajjiżi produtturi, it-tkabbir intensifikat tal-khat għal raġunijiet ta' profitt wassal għal konsegwenzi ambjentali serji u għal tħassib dwar is-sigurtà tal-ikel. Riċentement, għew issuġġeriti programmi li jnaqqsu d-domanda għall-khat, iżda sa issa ma tantx għew implimentati.

L-istatus legali tal-khat fl-Istati Membri tal-UE u fin-Norveġja u l-figuri tal-qabdi, fejn disponibbli



Nota: L-Ungerija ma tikkontrollax il-khat, iżda għandha dejta dwar il-qabdi minħabba l-kontroll tal-“cathinones”.
 Sors: Griffiths et al., 2010, *Journal of Ethnopharmacology* (aġġornat bl-aħħar tagħrif disponibbli).

Objettiv droga hija serje ta' rapporti politiċi ppubblikati miċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (EMCDDA), li għandu s-sede tiegħu f'Lisbona. Dawn ir-rapporti huma ppubblikati regolarment, fit-23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni, u bin-Norveġiż u t-Tork. Il-lingwa oriġinali hija l-Ingliż. Il-kontenut tagħhom jista' jiġi riprodott sakemm is-sors jingħata rikonossiment.

Għal abbonament bla ħlas, ikkuntattjawna permezz tal-e-mail: publications@emcdda.europa.eu

Cais do Sodré, 1249-289 Lisbona, il-Portugall
Tel. +351 211210200 • Faks +351 218131711
info@emcdda.europa.eu • www.emcdda.europa.eu

Konklużjonijiet u konsiderazzjonijiet tal-politika

1. Il-guffaġni tagħha, l-instabilità tas-sustanzi attivi u l-mod ta' kif tittieħed, jagħmlu lill-khat inkompatibbli mal-ħtiġijiet tal-maġġoranza ta' dawk li jjeħdu d-droga fl-Ewropa. Għalhekk il-potenzjal għal tixrid tal-khat lejn is-suq usa' tad-droga jidher li huwa limitat.
2. Is-swieq Ewropej tal-khat jidher li qegħdin jikbru iżda s-sorsi li jipprovdu t-tagħrif huma dgħajfa, u dan jindika l-bżonn ta' titjib fil-monitoraġġ. Dejta aħjar tkun tista' tikkontribwixxi għad-dibattitu dwar kif jiġu ttrattati kwistjonijiet bħat-traffikar bejn il-fruntieri, filwaqt li jkun evitat li jiġi kkriminalizzat grupp soċjali li huwa diġà vulnerabbli. Dan jgħin ukoll biex itejjeb il-fehim tagħna dwar kif inwieġbu għall-użu tad-droga fil-komunitajiet immigranti.
3. Il-khat tintuża primarjament mill-komunitajiet immigranti fl-Ewropa. Dawn il-komunitajiet jeħtieġu li jiġu infurmati aħjar dwar il-konsegwenzi potenzjali tagħha soċjali, legali u għas-saħħa.
4. Il-konsum tal-khat jista' jwassal għal problemi ta' saħħa u problemi soċjali. Hemm bżonn li l-professjonisti tas-saħħa u s-"social workers" Ewropej ikunu kapaċi jidentifikaw il-ħsarat relatati mal-khat u li jkollhom strateġiji fis-seħħ biex jiproteġu gruppi vulnerabbli ta' konsumaturi.
5. Is-sinifikat ekonomiku tal-khat fil-pajjiżi li jipproduċu żied, parzjalment minħabba l-kummerċ li dejjem qed jikber lejn l-UE. Għal pajjiżi bħal dawn, il-politiki ta' żvilupp u ta' kontroll tad-droga jeħtieġu koordinazzjoni u għarfien dwar l-impatt potenzjali ta' miżuri ta' kontroll Ewropej.
6. Fl-Ewropa, in-numru ta' konsumaturi tal-khat jidher li qed jikber, iżda l-iskala u n-natura tal-problema mhumiex mifhumini sew. Għalhekk hemm bżonn ta' studji ta' riċerka biex jevalwaw b'mod aħjar is-suq tad-droga, ix-xejriet ta' użu li qed jevolvu, kif ukoll il-firxa ta' konsegwenzi soċjoekonomiċi u tas-saħħa.

Sorsi ewlenin

Anderson, D., Beckerleg, S., Hailu, D., Klein, A. (2007), *The Khat Controversy: Stimulating the Debate on Drugs*, Berg, Oxford.

Feyissa, A.M., Kelly, J.P. (2008), "A review of the neuropharmacological properties of khat", *Progress in Neuro-Pharmacology and Biological Psychiatry* 32, pp. 1147-1166.

Griffiths, P., Lopez, D., Sedefov, R., et al. (2010), "Khat use and monitoring drug use in Europe: The current situation and issues for the future", *Journal of Ethnopharmacology*, Volum 132, Ħarġa 3, pp. 578-583.

Klein, A. (2008), "Khat in the Neighbourhood – Local Government Responses to Khat Use in a London Community", *Substance Use and Misuse*, Volum 43, pp. 819-831.

Pennings, E. J. M., Opperhuizen, A., van Amsterdam, J. G. C. (2008), "Risk assessment of khat use in the Netherlands. A review based on adverse health effects, prevalence, criminal involvement and public order", *Regulatory Toxicology and Pharmacology* 52, pp. 199-207.

Warfa, N., Klein, A., Bhui, K., Leavey, G., Craig, T., Stansfeld, S. (2007), "Khat use and mental illness: a critical review", *Social Science and Medicine* 65, pp. 309-318.

Informazzjoni fuq l-internet

L-Uffiċċju għall-Affarijiet Interni Ingliż (2005), Kunsill Konsultattiv għall-Abbuż mid-Drogi
<http://www.homeoffice.gov.uk/publications/drugs/acmd1/khat-report-2005/>

Il-Fondazzjoni Ewropea għax-Xjenza (2009), il-websajt tal-konferenza
<http://www.esf.org/activities/esf-conferences/details/2009/confdetail274.html?conf=274&year=2009>

UNDP, IPC-IG (2007), "Should Khat be banned? The Developmental Impact."
<http://www.ipc-undp.org/pub/IPCOnePager40.pdf>

Il-Bank Dinji (2007), "Towards Qat Demand Reduction"
http://www-wds.worldbank.org/external/default/WDSContentServer/WDSP/IB/2007/06/26/000090341_20070626112355/Rendered/PDF/397380YE.pdf

WHO (2006), Kumitat Espert dwar id-Dipendenza fuq id-Droga
http://www.who.int/medicines/areas/quality_safety/4.4KhatCritReview.pdf



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

PUBBLIKATUR UFFIĊJALI: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
© Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi, 2011
DIRETTUR: Wolfgang Götz
AWTURI: Michael Odenwald, Axel Klein, Nasir Warfa
EDITURICI: Marie-Christine Ashby
KUNĊETT GRAFIKU: Dutton Merryfield Ltd, ir-Renju Unit
Printed in Luxembourg